**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IL-TLIETA 9 TA' LULJU, 2002**

**Numru: 20**

**Avviz Nru: 1051/02 AE**

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigruat taghha Lawrence Barun abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip *comprehensive* u tal-Ligi u l-istess Lawrence Barun**

**vs**

**Mario Abdilla**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' mija u hamsa u tmenin lira Maltija u hamsa u

erbghin centezmu (Lm185.45) rapprezentanti danni sofferti mill-attur Lawrence Barun, u li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta attrici Fogg Insurance Agencies Limited, abbazi tal-polza tat-tip *comprehensive*, salv ghal *excess* ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija kif ukoll tmintax-il lira Maltin (Lm18.00) ghall-kiri ta' vettura alternattiva, imhallsa mill-istess Lawrence Barun, bhala rizultat ta' l-incident tat-traffiku li sehh fit-2 ta' Dicembru 2000 gewwa Kirkop *roundabout*, bejn il-vettura propjeta ta' l-attur Lawrence Barun, bin-numru BAC 287 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ABG 715, liema incident sehh tort tal-konvenut.

Ra li mill-atti tal-kawza jirrizulta li l-konvenut gie debitament notifikat (fol. 9) u naqas milli jidher ghas-seduti.

Ra l-atti, minn fejn jirrizulta li t-talba ta' l-atturi giet sodisfacentement ippruvata. Fil-fatt dan huwa kaz ta' *bumper to bumper* u mill-atti jirrizulta li kienet il-vettura tal-konvenut li

baqghet diehla fil-vettura bin-numru BAC 287 propjeta ta' l-attur Lawrence Barun.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' mija u hamsa u tmenin lira Maltija u hamsa u erbghin centezmu (Lm185.45) bil-mod kif spjegat fl-avviz tat-talba, bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez (mhux inkluzi d-drittijiet legali) jithallsu mill-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**

**Gudikatur**